KLR 26/VI/2011

Minuti tal-laqgħa msejħa b'urġenza, li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Erbgħa, 10 t'Awwissu 2011 fil-10.00.

PREŻENTI:- Is-Sindku, l-Av. Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Marċel Tabone, il-membri Dr. Michael Portelli, Joseph Debrincat, Josef Schembri u s-Seg. Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻATI:- Il-membri Michel Buttiġieġ u Carmel Theuma.

Intqalet it-talba.

**1. Ftehim ta' ko-finanzjament proġett b'fondi ta' l-Unjoni Ewropea –**
***Setting an Integrated Cultural Archaeological and Historical Trail in Victoria***

Is-Sindku għarraf lill-membri preżenti li ssejħet din il-laqgħa b'urġenza sabiex il-Kunsill japprova l-ftehim ta' aċċettazzjoni għall-ko-finanzjament mill-Gvern Ċentrali fuq il-porġett applikat għall-fondi ta' l-Ewropa - ***Setting an Integrated Cultural Archaeological and Historical Trail in Victoria.*** Dan peress li wara evalwazzjoni ġie deċiż li għal dan il-porġett, Il-Kunsill lokali jingħata allokazzjoni ta' €50,000. Din l-għajnuna finanzjarja hi suġġetta għat-termini u kundizjonijiet li jinsabu fil-ftehim ta' aċettazzjoni imsemmi. Il-membri qablu li dan il-ftehim jiġi ffirmat. Kopja tiegħu tinsab fid-dokument A anness.

**2. Materji oħra**

2.1 Il-membri qablu li l-Youth Council jerġa jipparteċipa fl-*Annual Genreal Meeting* ta' l-*ERY Network*. Din id-darba ser issir bejn id-19 u l-24 ta' Settembru 2011 fil-Polonja taħt program tal-Unjoni Ewropea

2.2 Inħarġu l-permessi sabiex isiru żewġ ikliet differenti fi Pjazza Indipendneza. Dawn huma:- fis-26 ta'Awwissu 2010 – organiżżata mill-Partit Laburista u fl-4 ta' Settembu 2011 – organiżżata mill-S. K. Victoria Wanderers.

Il-laqgħa spiċċat fil-11.30.

| | |
|---|---|
| Dr.Samuel Azzoaprdi | Miraim Attard |
| Sindku | Seg. Eżekuttiv |